Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT (UE) 2016/792 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-11 ta' Mejju 2016

dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 135, 24.5.2016, p. 11)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3159 tat-2 ta' Settembru 2024	L 3159	1	20.12.2024

▼B

REGOLAMENT (UE) 2016/792 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Mejju 2016

dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur (l-indiċi tal-prezzijiet HICP, HICP-CT, OOH) u tal-indiċi tal-prezzijiet tad-djar (l-HPI) fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “prodotti” tfisser l-oġġetti u s-servizzi kif definit fil-paragrafu 3.01 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (“is-SEK 2010”);

(2) “prezzijiet għall-konsumatur” tfisser il-prezzijiet tax-xiri li l-unitajiet domestiċi jħallsu biex jixtru prodotti individwali permezz ta' transazzjonijiet monetarji;

(3) “prezzijiet tad-djar” tfisser il-prezzijiet tat-transazzjonijiet tad-djar li l-unitajiet domestiċi jixtru;

(4) “prezzijiet tax-xiri” tfisser il-prezzijiet li x-xerrejja jħallsu fil-verità għall-prodotti, inkluż kwalunkwe taxxa fuq il-prodotti bis-sussidji mnaqqsa, wara li mill-prezzijiet jew l-imposti standard jitnaqqsu skontijiet, minbarra l-imgħax jew l-imposti għas-servizzi miżjudin skont l-arranġamenti ta' kreditu u kwalunkwe imposta oħra li jkun hemm minħabba li l-ħlas ma jkunx sar fil-perijodu speċifikat fil-mument tax-xiri;

(5) “prezzijiet amministrati” tfisser prezzijiet li jew huma stabbiliti direttament mill-gvern jew li huma influwenzati b'mod sinifikanti minnu;

(6) “indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur” jew “HICP” tfisser l-indiċi komparabbli tal-prezzijiet għall-konsumatur li kull Stat Membru jipproduċi;

([1]) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

▼B

(7) “indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur b'rati tat-taxxa kostanti” jew “HICP-CT” tfisser l-indiċi li jkejjel il-bidliet fil-prezzijiet għall-konsumatur mingħajr l-impatt tal-bidliet fir-rati tat-taxxa fuq il-prodotti matul l-istess perijodu ta' żmien;

(8) “rata ta' taxxa” tfisser parametru ta' taxxa u tista' tkun ċertu persentaġġ tal-prezz jew ammont assolut ta' taxxa impost fuq unità fiżika;

(9) “indiċi tal-prezzijiet tad-djar okkupati mis-sidien stess” jew “l-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH” tfisser l-indiċi li jkejjel il-bidliet fil-prezzijiet tat-transazzjonijiet tad-djar ġodda fis-settur tal-unitajiet domestiċi u ta' prodotti oħra li l-unitajiet domestiċi jixtru bħala sidien li joqogħdu f'darhom stess;

(10) “indiċi tal-prezzijiet tad-djar” jew “HPI” tfisser l-indiċi li jkejjel il-bidliet fil-prezzijiet tat-transazzjonijiet tad-djar li l-unitajiet domestiċi jixtru;

(11) “subindiċi tal-HICP” jew “l-HICP-CT” tfisser l-indiċi tal-prezzijiet għal kwalunkwe kategorija tal-klassifikazzjoni Ewropea tal-konsum individwali skont l-għan (“l-ECOICOP”) kif stipulat f'Anness I;

(12) “indiċijiet armonizzati” tfisser l-HICP, l-HICP-CT, l-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH, u l-HPI;

(13) “stima rapida tal-HICP” tfisser stima bikrija tal-HICP ipprovduta mill-Istati Membri li għandhom bħala munita l-euro, li tista' tkun ibbażata fuq informazzjoni proviżorja u, jekk meħtieġ, immudellar xieraq;

(14) “indiċi tat-tip ta' Laspeyres” tfisser l-indiċi tal-prezzijiet li jkejjel il-bidla medja fil-prezzijiet mill-perijodu ta' referenza tal-prezzijiet għal perijodu ta' tqabbil bl-użu ta' ishma ta' nefqa minn perijodu ta' qabel il-perijodu ta' referenza tal-prezzijiet, u fejn l-ishma ta' nefqa jkunu aġġustati biex jirriflettu l-prezzijiet tal-perijodu ta' referenza tal-prezzijiet.

“Indiċi tat-tip ta' Laspeyres” huwa definit bħala:

$$p^{0,t} = \sum \frac{p^t}{p^0} \cdot w^{0,b}$$

Il-prezz ta' prodott huwa indikat b'p, il-perijodu ta' referenza tal-prezzijiet huwa indikat b'0, u l-perijodu ta' tqabbil huwa indikat b't. Il-piżijiet (w) huma ishma ta' nefqa ta' perijodu (b) qabel il-perijodu tal-prezz ta' referenza, u huma aġġustati sabiex jirriflettu l-prezzijiet tal-perijodu ta' referenza tal-prezzijiet 0;

(15) “perijodu ta' referenza tal-indiċi” tfisser il-perijodu li għalih l-indiċi jkun iffissat għal 100 punt tal-indiċi;

(16) “perijodu ta' referenza tal-prezzijiet” tfisser il-perijodu li jiġi mqabbel miegħu l-prezz ta' perijodu ta' tqabbil; u fejn, għall-indiċijiet ta' kull xahar, il-perijodu ta' referenza tal-prezzijiet huwa Diċembru tas-sena preċedenti, u għall-indiċijiet ta' kull kwart, il-perijodu ta' referenza tal-prezzijiet huwa r-raba' kwart tas-sena preċedenti;

▼B

(17) “tagħrif bażiku”, tfisser data li tkopri:

(a) b'referenza għall-HICP u għall-HICP-CT:

(i) il-prezzijiet tax-xiri tal-prodotti li jridu jitqiesu sabiex jiġu kkalkulati s-subindiċijiet skont dan ir-Regolament,

(ii) il-karatteristiċi li jiddeterminaw il-prezz tal-prodott,

(iii) tagħrif dwar it-taxxi u d-dazji tas-sisa imposti,

(iv) tagħrif dwar jekk prezz hux amministrat kompletament jew parzjalment jew le; u

(v) il-piżijiet li jirriflettu l-livell u l-istruttura tal-konsum tal-prodotti kkonċernati.

(b) b'referenza għall-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH:

(i) il-prezzijiet tat-transazzjonijiet tad-djar ġodda fis-settur tal-unitajiet domestiċi u ta' prodotti oħra li l-unitajiet domestiċi jixtru bħala sidien li joqogħdu f'darhom stess li jeħtieġ li jitqiesu sabiex jiġi kkalkulat l-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH skont dan ir-Regolament,

(ii) karatteristiċi li jiddeterminaw il-prezz tad-djar u l-prezzijiet ta' prodotti oħra li l-unitajiet domestiċi jixtru bħala sidien li joqogħdu f'darhom stess, u

(iii) piżijiet li jirriflettu l-livell u l-istruttura tal-kategoriji rilevanti tan-nefqa marbuta mad-djar;

(c) b'referenza għall-HPI:

(i) il-prezzijiet tat-transazzjonijiet tad-djar li l-unitajiet domestiċi jixtru, li jeħtieġ li jitqiesu sabiex jiġu kkalkulat l-HPI skont dan ir-Regolament,

(ii) il-karatteristiċi li jiddeterminaw il-prezz tad-djar, u

(iii) piżijiet li jirriflettu l-livell u l-istruttura tal-kategoriji rilevanti tan-nefqa marbuta mad-djar;

(18) “unità domestika” tfisser unità domestika kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2.119 tal-Anness A għar-Regolament dwar is-SEK 2010, irrispettivament min-nazzjonalità jew mill-istatus ta' residenza ta' dik l-unità domestika;

(19) “territorju ekonomiku tal-Istat Membru” tfisser it-territorju ekonomiku kif imsemmi fil-paragrafu 2.05 tal-Anness A għar-Regolament dwar is-SEK 2010, ħlief għall-fatt li ż-żoni li jinsabu 'l barra mit-territorju iżda li jkunu jinsabu fil-fruntieri tal-Istat Membru huma inklużi, filwaqt li dawk territorjali li jinsabu fil-bqija tad-dinja huma esklużi;

(20) “nefqa monetarja finali tal-unitajiet domestiċi għall-konsum” tfisser dik il-parti tan-nefqa finali għall-konsum li jkunu:

— għamlu l-unitajiet domestiċi,

— fil-forma ta' transazzjonijiet monetarji,

— fit-territorju ekonomiku tal-Istat Membru,

— għal prodotti użati għas-sodisfazzjon dirett tal-bżonnijiet jew tax-xewqat individwali, kif definit fil-paragrafu 3.101 tal-Anness A għar-Regolament dwar is-SEK 2010,

— f'wieħed mill-perijodi taż-żmien li jkunu qed jitqabblu jew fit-tnejn li huma;

▼B

(21) “bidla sinifikanti fil-metodu ta' produzzjoni” tfisser bidla li mistennija taffettwa r-rata annwali ta' bidla ta' indiċi armonizzat partikolari jew ta' parti minnu, fi kwalunkwe perijodu, b'aktar minn:

(a) 0,1 punti perċentwali fil-każ tal-HICP kollu, l-HICP-CT, l-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH jew l-HPI,

(b) 0,3, 0,4, 0,.5 jew 0,6 punti perċentwali fil-każ ta' kull diviżjoni, grupp, klassi jewsottoklassi (ta' ħames ċifri) tal-ECOICOP, rispettivament, fil-każ tal-HICP jew tal-HICP-CT.

Artikolu 3

Kompilazzjoni tal-indiċijiet armonizzati

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) bl-indiċijiet armonizzati kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 2.

2. L-indiċijiet armonizzati għandhom ikunu indiċijiet tat-tip Laspeyres marbuta katina annwalment.

3. L-HICP u l-HICP-CT għandhom jissejsu fuq il-bidliet fil-prezzijiet u l-piżijiet tal-prodotti inklużi fin-nefqa monetarja finali tal-unitajiet domestiċi għall-konsum.

4. La l-HICP u lanqas l-HICP-CT m'għandhom ikopru t-transazzjonijiet bejn l-unitajietdomestiċi, ħlief fil-każ tal-kirjiet li l-inkwilini jħallsu lis-sidien privati, f'liema każ is-sidienprivati jkunu qed jaġixxu qishom produtturi ta' servizzi fis-suq li l-unitajiet domestiċi (l-inkwilini) jkunu qed jixtru.

5. L-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH għandu jiġi kkompilat, fejn ikun possibbli u dment li d-data tkun disponibbli, għall-10 snin ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

6. Is-subindiċijiet tal-HICP u tal-HICP-CT għandhom jiġu kkompilati għall-kategoriji tal-ECOICOP. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-ECOICOP għall-fini tal-HICP u l-HICP-CT. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

7. Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport li għandu jindirizza l-adegwatezza tal-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH għall-integrazzjoni fil-kopertura tal-HICP. Skont ir-riżultati ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn opportun, tippreżenta, fi żmien raġonevoli, proposta biex dan ir-Regolament jiġi emendat fir-rigward tal-integrazzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH fil-kopertura tal-HICP. Jekk ir-rapport jistabbilixxi li huma meħtieġa aktar żviluppi metodoloġiċi għall-integrazzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH fil-kopertura tal-HICP, il-Kummissjoni għandha issegwi x-xogħol metodoloġiku u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dak ix-xogħol, kif opportun.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-disaggregazzjoni tal-istima rapida tal-HICP pprovduta mill-Istati Membri li għandhom bħala munita l-euro. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

▼B

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-disaggregazzjonijiet tal–indiċi tal-prezzijiet tal-OOH u l-HPI għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

10. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-piżijiet tas-subindiċijiet għall-indiċijiet armonizzati. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw kundizzjonijiet uniformi għall-kwalità tal-piżijiet tal-indiċijiet armonizzati għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

Artikolu 4

Komparabbiltà tal-indiċijiet armonizzati

1. Biex l-indiċijiet armonizzati jitqiesu bħala komparabbli, kwalunkwe differenza bejn l-Istati Membri fil-livelli kollha ta' dettall għandha tirrifletti biss id-differenzi fil-bidliet fil-prezzijiet jew fix-xejriet tal-infiq.

2. Kwalunkwe subindiċi tal-indiċijiet armonizzati li jvarja mill-kunċetti jew mill-metodi mogħtija f'dan ir-Regolament għandu jitqies li huwa komparabbli jekk iwassal għal indiċi li huwa stmat li jvarja b'mod sistematiku:

(a) b'punti perċentwali ta' 0,1 jew inqas, bħala medja, f'sena waħda meta mqabbel mas-sena ta' qabilha, minn indiċi kkompilat abbażi tal-approċċ metodoloġiku mogħti f'dan ir-Regolament fil-każ tal-HICP u tal-HICP-CT;

(b) b'punt perċentwali 1 jew inqas, bħala medja, f'sena waħda meta mqabbel mas-sena ta' qabilha, minn indiċi kkompilat abbażi tal-approċċ metodoloġiku mogħti f'dan ir-Regolament fil-każ tal-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH u l-HPI.

Meta l-kalkoli msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunux possibbli, l-Istati Membri għandhom jispjegaw fid-dettall il-konsegwenzi tal-użu ta' metodoloġija li tvarja mill-kunċetti jew mill-metodi mogħtija f'dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10 għall-emendar ta' Anness I, sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-indiċijiet armonizzati fil-livell internazzjonali f'konformità mal-bidliet għall-COICOP tan-NU.

4. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi fil-produzzjoni ta' indiċijiet armonizzati komparabbli u għall-finijiet li jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ulterjorment il-metodi mtejba bbażata fuq studji pilota volontarji kif imsemmija fl-Artikolu 8, u l-metodoloġija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jikkonċernaw:

(i) it-teħid ta' kampjuni u r-rappreżentanza;

(ii) il-ġbir u t-trattament tal-prezzijiet;

(iii) is-sostituzzjonijiet u l-aġġustament tal-kwalità;

(iv) il-kompilazzjoni tal-indiċijiet;

(v) ir-reviżjonijiet;

▼B

(vi) l-indiċijiet speċjali;

(vii) it-trattament ta' prodotti f'oqsma speċifiċi.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ta' implimentazzjoni ma jimponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq dawk li jwieġbu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

5. Bil-ħsieb tal-produzzjoni tal-indiċijiet armonizzati, sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fil-metodi statistiċi u abbażi tal-evalwazzjoni tal-istudji pilota msemmija fl-Artikolu 8(4), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda, permezz ta' atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 10, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu billi żżid elementi mal-lista stipulata hemm hekk, dment li dawn l-elementi miżjuda ma jikkoinċidux ma' oħrajn diġà eżistenti u ma jbiddlux l-iskop jew in-natura tal-indiċijiet armonizzati kif stipulati f'dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Rekwiżiti tad-data

1. L-informazzjoni bażika miġbura mill-Istati Membri għall-indiċijiet armonizzati u għas-subindiċijiet tagħhom għandha tkun rappreżentattiva fil-livell ta' Stat Membru.

2. L-informazzjoni għandha tinkiseb mill-unitajiet statistiċi kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 ([1]) jew minn sorsi oħra, dment li jiġu osservati r-rekwiżiti ta' paragunabbiltà tal-indiċijiet armonizzati msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

3. L-unitajiet tal-istatistika li jipprovdu t-tagħrif dwar il-prodotti inklużi fin-nefqa monetarja finali tal-unitajiet domestiċi għall-konsum għandhom jikkooperaw fil-ġbir jew fl-għoti tat-tagħrif bażiku skont il-bżonn. L-unitajiet tal-istatistika għandhom jagħtu informazzjoni bażika preċiża u sħiħa lill-korpi nazzjonali responsabbli għall-kompilazzjoni tal-indiċijiet armonizzati.

4. Fuq talba tal-korpi nazzjonali responsabbli għall-kompilazzjoni tal-indiċijiet armonizzati, l-unitajiet tal-istatistika għandhom jipprovdu, fejn disponibbli, rekords ta' transazzjonijiet f'forma elettronika, bħal data skennjata, li jkunu ddettaljati biżżejjed biex jiġu prodotti l-indiċijiet armonizzati u biex jiġu evalwati l-konformità mar-rekwiżiti tal-komparabbiltà u l-kwalità tal-indiċijiet armonizzati.

5. Il-perijodu komuni ta' referenza tal-indiċijiet għall-indiċijiet armonizzati għandu jkun l-2015. Dak il-perijodu ta' referenza tal-indiċijiet għandu jintuża għas-serje kronoloġika sħiħa tal-indiċijiet armonizzati u tas-subindiċijiet tagħhom kollha.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità (ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1).

▼B

6. L-indiċijiet armonizzati u s-subindiċijiet tagħhom għandhom jiġu rigradati għal perijodu komuni ta' referenza tal-indiċi l-ġdid f'każ ta' bidla kbira fil-metodoloġija tal-indiċijiet armonizzati, adottata f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew kull għaxar snin wara l-aħħar rigradazzjoni mill-2015 'il quddiem. Din ir-rigradazzjoni għal perijodu ta' referenza tal-indiċijiet ġdid għandha tidħol fis-seħħ:

(a) għall-indiċijiet ta' kull xahar, mill-indiċi ta' Jannar tas-sena ta' wara l-perijodu ta' referenza tal-indiċijiet;

(b) għall-indiċijiet ta' kull tliet xhur, mill-indiċi tal-ewwel kwart tas-sena ta' wara l-perijodu ta' referenza tal-indiċijiet.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar ir-rigradazzjoni tal-indiċijiet armonizzati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

7. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa jipproduċu u jittrasmettu:

(a) is-subindiċijiet tal-HICP u s-subindiċijiet tal-HICP-CT li jammontaw għal anqas minn parti waħda minn elf tan-nefqa totali;

(b) is-subindiċijiet tal-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH u s-subindiċijiet tal-HPI li jammontaw għal inqas minn parti waħda minn mija tan-nefqa totali tad-djar okkupati mis-sidien stess u x-xiri totali ta' abitazzjonijiet rispettivament.

▼M1

8. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa jipproduċu s-subindiċijiet u l-partijiet tas-subindiċijiet tal-ECOICOP li ġejjin, minħabba li jew dawn mhumiex inklużi fin-nefqa monetarja finali tal-unitajiet domestiċi għall-konsum jew inkella minħabba li dawn għadhom mhumiex armonizzati biżżejjed mil-lat tal-metodoloġija:

02.3.	Narkotiċi;
12.2.	Prostituzzjoni;
12.5.1.	Assigurazzjoni fuq il-ħajja;
12.6.1.	Servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM).

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex timmodifika l-lista stabbilita f'dan il-paragrafu sabiex tinkludi l-logħob tal-azzard fl-HICP u l-HICP-CT.

▼B

Artikolu 6

Frekwenza

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) l-HICP, l-HICP-CT u s-subindiċijiet rispettivi tagħhom kull xahar, inklużi dawk is-subindiċijiet li huma jipproduċu fuq intervalli itwal taż-żmien.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) l-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH u l-HPI kull tliet xhur. Huma jistgħu jipprovduhomlha wkoll kull xahar fuq bażi volontarja.

▼B

3. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa jipproduċu s-subindiċijiet kull xahar jew kull tliet xhur f'każijiet fejn il-ġbir inqas frekwenti tad-data jissodisfa r-rekwiżiti tal-komparabbiltà mogħtija fl-Artikolu 4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) bil-kategoriji tal-ECOICOP, tal-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH u tal-HPI li għalihom biħsiebhom jiġbru data f'intervalli bi frekwenza ta' inqas minn xahar, fil-każ tal-kategoriji tal-ECOICOP, u kull tliet xhur, fil-każ tal-kategoriji tal-indiċi tal-prezzijiet tal-OOH u tal-HPI.

4. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) bil-piżijiet tas-subindiċi aġġornati għall-indiċijiet armonizzati.

Artikolu 7

Skadenzi, standards għall-iskambju u reviżjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) bl-indiċijiet armonizzati u s-subindiċijiet kollha sa mhux aktar tard minn:

(a) 15-il jum kalendarju, għall-indiċijiet ta' bejn Frar u Diċembru, u 20 jum kalendarju, għall-indiċijiet ta' Jannar, wara t-tmiem tax-xahar li għalih ikunu ġew ikkalkulati l-indiċijiet; u

(b) 85 jum kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li għalih ikunu ġew ikkalkulati l-indiċijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) l-piżijiet aġġornati sa mhux aktar tard:

(a) mit-13 ta' Frar ta' kull sena għall-indiċijiet ta' kull xahar;

(b) mill-15 ta' Ġunju ta' kull sena għall-indiċijiet ta' kull tliet xhur.

3. L-Istati Membri li għandhom bħala munita l-euro għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) bl-istima rapida tal-HICP sa mhux aktar tard mill-ġurnata kalendarja ta' qabel tal-aħħar tax-xahar li għalih tirreferi l-istima rapida.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) id-data u l-metadata mitluba minn dan ir-Regolament f'konformità mal-istandards għall-iskambju tad-data u tal-metadata.

5. L-indiċijiet armonizzati u s-subindiċijiet tagħhom li jkunu diġà ġew ippubblikati jistgħu jiġu riveduti.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw fid-dettall l-istandards għall-iskambju tad-data u tal-metadata msemmijin fil-paragrafu 4 u l-kundizzjonijiet uniformi għar-reviżjoni tal-indiċijiet armonizzati u s-subindiċijiet tagħhom kif imsemmijin fil-paragrafu 5. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

Artikolu 8

Studji pilota

1. Kull meta jkun hemm bżonn ta' titjib fit-tagħrif bażiku għall-kompilazzjoni tal-indiċijiet armonizzati, jew meta jiġi identifikat il-bżonn ta' titjib fil-komparabbiltà tal-indiċijiet armonizzati fil-metodi msemmijin fl-Artikolu 4(4), il-Kummissjoni (l-Eurostat) tista' tniedi studji pilota, li l-Istati Membri għandhom iwettqu fuq bażi volontarja.

▼B

2. Il-baġit ġenerali tal-Unjoni għandu, fejn xieraq, jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' tali studji pilota.

3. L-istudji pilota għandhom jivvalutaw kemm huwa fattibbli li jinkiseb tagħrif bażiku mtejjeb jew li jiġu adottati approċċi metodoloġiċi ġodda.

4. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tevalwa r-riżultati tal-istudji pilota f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-utenti ewlenin tal-indiċijiet armonizzati, filwaqt li tqis il-benefiċċji li jiġu mit-titjib tat-tagħrif bażiku jew approċċi metodoloġiċi ġodda meta mqabbla mal-ispejjeż addizzjonali tal-produzzjoni tal-indiċijiet armonizzati.

5. Sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill li jevalwa, jekk ikun applikabbli, ir-riżultati ewlenin tal-istudji pilota.

Artikolu 9

Żgurar ta' kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità tal-indiċijiet armonizzati li huma jipprovdu. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji standard tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (l-Eurostat):

(a) b'rapporti annwali standard dwar il-kwalità li jkopru l-kriterji tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009;

(b) b'inventarji aġġornati annwalment li jkun fihom dettalji dwar is-sorsi tad-data, id-definizzjonijiet u l-metodi użati;

(c) b'tagħrif ieħor relatat li jkun dettaljat biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu evalwati l-konformità mar-rekwiżiti tal-komparabbiltà u l-kwalità tal-indiċijiet armonizzati, jekk il-Kummissjoni (l-Eurostat) titlob dan.

3. Jekk Stat Membru jkun biħsiebu jibdel b'mod sinifikanti l-metodi tal-produzzjoni tal-indiċijiet armonizzati jew ta' parti minnhom, huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni (l-Eurostat) b'dan mill-inqas tliet xhur qabel ma tkun ser tidħol fis-seħħ kwalunkwe bidla ta' dan it-tip. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni (l-Eurostat) kwantifikazzjoni tal-impatt tal-bidla.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi għall-iżgurar tal-kwalità marbutin mal-kontenut tar-rapporti annwali standard dwar il-kwalità, l-iskadenza biex ir-rapporti jintbagħtu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) u l-istruttura tal-inventarji u l-iskadenza biex l-inventarji jintbagħtu lill-Kummissjoni (l-Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

▼B

Artikolu 10

L-eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita s-setgħa delegata fl-Artikoli 4(3), 4(5) u 5(8), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq dawk li jwieġbu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika b'mod dovut l-azzjonijiet previsti f'dawk l-atti delegati, filwaqt li tikkunsidra, fejn ikun xieraq, il-kosteffettività, inkluż il-piż fuq dawk li jwieġbu u l-ispejjeż tal-produzzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-prattika normali tagħha u twettaq konsultazzjonijiet mal-esperti, inklużi l-esperti tal-Istati Membri, qabel ma jiġu adottati dawk l-atti delegati.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(3), 4(5) u 5(8) għal perijodu ta' ħames snin mit-13 ta' Ġunju 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

4. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 4(3), 4(5) u 5(8) f'kull mument. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(3), 4(5) u 5(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma joġġezzjonaw għalih fi żmien tliet xhur minn meta dak l-att jiġi nnotifikat lilhom jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhux biħsiebhom joġġezzjonaw għalih. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼B

Artikolu 11

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 12

Tħassir

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom ikomplu jipprovdu l-indiċijiet armonizzati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2494/95 sat-trasmissjoni tad-data rigward l-2016.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 2494/95 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2017.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita f'Anness II.

3. Meta tkun qed tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 3(6), 3(9), 3(10), 4(4), 5(6) u 7(6), il-Kummissjoni għandha, sa fejn ikun kompatibbli ma' dan ir-Regolament, tinkorpora d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 ([1]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2214/96 ([2]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1687/98 ([3]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2646/98 ([4]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1617/1999 ([5]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/1999 ([6]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE)

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 tad-9 ta' Settembru 1996 dwar miżuri ta' implimentazzjoni inizjali għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 li jikkonċerna indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur (ĠU L 229, 10.9.1996, p. 3).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2214/96 tal-20 ta' Novembru 1996 li jikkonċerna indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur: trasmissjoni u tixrid ta' sotto-indiċi tal-HICP (ĠU L 296, 21.11.1996, p. 8).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1687/98 tal-20 ta' Lulju 1998 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 dwar il-kopertura ta' merkanzija u servizzi tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (ĠU L 214, 31.7.1998, p. 12).

([4]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2646/98 tad-9 ta' Diċembru 1998 li jiffissa regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 f'dak li għandu x'jaqsam ma' livelli minimi għat-trattament ta' tariffi fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (ĠU L 335, 10.12.1998, p. 30).

([5]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1617/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxi d-dettalji għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 — dwar l-istandards minimi għat-trattament tal-assigurazzjoni fl-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur u li jimmodifika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2214/96 (ĠU L 192, 24.7.1999, p. 9).

([6]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/1999 tat-8 ta' Ottubru 1999 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 rigward l-istandards minimi għat-trattament ta' prodotti li għandhom x'jaqsmu mal-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (ĠU L 266, 14.10.1999, p. 1).

▼B

Nru 2601/2000 ([1]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2602/2000 ([2]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1920/2001 ([3]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1921/2001 ([4]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1708/2005 ([5]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 701/2006 ([6]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 330/2009 ([7]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1114/2010 ([8]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 93/2013 ([9]) adottati abbażi tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, filwaqt li tnaqqas, sa fejn hu xieraq, in-numru totali tal-atti ta' implimentazzjoni. Ir-Regolamenti adottati abbażi tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 għandhom jibqgħu applikabbli għal perijodu transizzjonali. Dak il-perijodu transizzjonali għandu jintemm fid-data ta' applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni li ġew adottati l-ewwel abbażi tal-Artikoli 3(6), 3(9), 3(10), 4(4), 5(6) u 7(6) ta' dan ir-Regolament, li għandha tkun l-istess data għal dawk l-atti ta' implimentazzjoni kollha.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2601/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jistabbilixxi reġoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar iż-żmien biex jiddaħħlu prezzijiet tax-xiri fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 14).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2602/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar livelli minimi għat-trattament ta' tnaqqis fil-prezzijiet fl-Indiċi Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 16).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1920/2001 tat-28 ta' Settembru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward ta' standards minimi għat-trattament ta' ħlasijiet dovuti għal servizzi li jikkorrispondu għall-valuri ta' transazzjoni fl-indiċi armonizzat ta' prezzijiet tal-konsumatur u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2214/96 (ĠU L 261, 29.9.2001, p. 49).

